MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2006

Numru 475/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J FENECH**

**VS**

**RODERICK GAUCI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Roderick Gauci, bin Martin u Mary nee’ Chircop, imwieled tal-Pieta’ nhar it-3 ta’ Settembru, 1977, residenti fil-fond numru 26, Triq Mariano Gerada, Cospicua, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 418 377 (M);

Akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn it-23 ta’ Marzu, u l-24 ta’ Marzu, 2006 ikkommetta serq ta’ xibka tas-sajd li tiswa aktar minn Lm100.00 (mitt lira maltin), izda inqas minn Lm500.00 (hames mitt lira maltin) minn Birzebbuga ghad-dannu ta’ Nazzareno Carabott, minn Marsaxlokk, liema serq hu

aggravat bil-persuna, bil-hin, u bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

U kif ukoll talli xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, jew mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 261, 263, 266, 267, 269, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat Roderick Gauci hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mill-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------